# 62. Il-Għafja tal-Poeta

Is-sħab tilef il-ħmura,
        il-mewġ tilef l-ilwien,
l-għasafar tilfu l-għanja,
        u diqa kullimkien;
tas-siġar u l-kampnari
        intilfu d-dellijiet,
u kollox qed jinsatar
        tal-Lejl fid-dlamijiet.

Newluli l-fies u l-pala
        ħa nħaffer hawn bil-mod,
mhux qabrek, Xmejxa bajda,
        li qiegħda tnin fil-bogħod,
’mma qabri ser inħaffer:
        ħaddejja tilfu l-lwien,
u fommi tilef l-għanja,
        u serħ ma nsib imkien;

Int għada terġa’ tfeġġeġ
        imdehba qalb l-isħab;
jien għada ngħib għal dejjem
        fid-dlam ta’ taħt it-trab;
int tmut u terġa’ tidher,
        kif jaqbel, kif imiss,
jien darba nieħu l-ħajja,
        nitlifha darba biss!